# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 13**

**Avviz numru 258/01/SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel Micallef Borg sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs**

**Joseph Buhagiar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' April tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u tmenin liri Maltin u sbatax-il centezmu, (LM389.17,0) rapprezentanti danni kagunati minnu f'incident awtomobilistiku tad-19 ta' Ottubru, 1999, f'University Roundabout Msida, bejn il-vettura numru CAP 058 misjqua minnu u l-vettura numru FAZ-248 misjuqa minn Joanna Micallef Borg u proprjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici Emanuel Micallef Borg, liema incident gara unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**2. Bl-ispejjez komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (LM10.50,0) ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali ta' Frar, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tieghu kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-17 ta' April tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta u dana peress li l-incident in kwistjoni sehh tort unikament tal-assikurat tas-socjeta' attrici, u cioe' Emanuel Micallef Borg;**

**2. Salvi eccezzjonjiiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta ta' l-4.15 p.m. taz-19 ta' Ottubru,**

**1999 fir-"roundabout" ta' l-Universita', l-Imsida, u fih kienu nvoluti l-vettura tal-marka Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni CAP-058 misjqua mill-konvenut Joseph Buhagiar u l-vettura tal-marka Yoyota bin-numru ta' registrazzjoni FAZ-248 misjuqa minn Joan Borg Micallef, l-assigurata tas-socjeta' attrici nomine;**

2. **Illi jirrizulta li meta l-konducenti fuq indikati gew biex johorgu mir- "roundabout" in dizamina l-konvenut biex imur fid-direzzjoni tal-"By-Pass" ta' Birkirkara u l-assigurata tas-socjeta' attrici nomine biex tinzel in-nizla lejn l-Imsida, dawn habtu stante li qassmu l-karreggjata ta' xulxin;**

3. **Illi l-problema ta' din il-kawza hi naxxenti biss mill-iskizz tal-pulizija pprezentat li ma jservi l-ebda utilita stante li mhux tajjeb;**

4. **Illi pero' mid-deposizzjonijiet mismghuha jirrizulta ampjament assodat li z-zewg konducenti kienu qed isuqu b'mod tassew nonkuranti ta' utenti ohra fit-triq;**

5. **Illi l-ammont ta' danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine huwa assodat;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li z-zewg konducenti fuq riferiti huma ugwalment responsabbli ghall-akkadut u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Joseph Buhagiar u lill-ssigurata tas-socjeta' attrici nomine Joanna Micallef Borg ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine fl-ammont ta' tlett mija u disa' u tmenin Lira Maltin u zbatax-il centezmu, (LM389.17,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Joseph Buhagiar biex ihallas lis-socjeta' attrici nomine nofs dan l-ammont senjatament mija u erba' u disghin Lira Maltin u disa' u hamsin centezmu,**

**(LM194.59,0), bl-imghaxijiet dovuti, bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**